# KWARTA MA' MUSMAR

## TA' CHARLES THAKE

Taf li kull pass li tmidd qed tirfes fuqi? . . .
Jien musmar!
Minn mindu sawruni missirijietek, sirt skjav tiegħek... Le?

Ħares lejn il-pett taż-żarbun li xeddejt dal-għodu — int, tfajjel, qed timxi fuq rasi... daqshekk ma fiha xejn, kulħadd irid imidd għonqu għax-xogħol; biss ftakar li meta tkasbarni, indeffes denbi bejn il-pett u sieqek, xejn xejn infakkrek ma tagħtix bis-sieq lill-ġebel. Tara, tfajjel, naħseb għal but missierek aktar minnek!

U x'nieħu?... Daqqa ta' martell, u trażżanli saħħti. Biċċa musmar! Taħseb bejnek u bejn ruħek... Tikber u titgħallem, tfajjel!

Kos, biċċa musmar issibu bħal-labra tal-ħjata, ifassal l-istorja ta' ġensek u ta' twemminek.

Jiena kont hemm meta dawk li ma għarfux x'kienu jagħmlu, salbu lil min ħa'qek... kont hemm... forsi aktar qrib Lejh milli kultant tkun int!... Illum igħożżuni fil-Knejjes...

Ħares lejn il-pett taż-żarbun! Qed tirfes fuq rasi.

Jien ukoll innin taħt il-madmad tax-xogħol bla heda li jkiddni...

Ma' sħabi kont inżomm soda pjanċa tal-fraxxnu marbuta ma' prim. Ta' ħdejja tmermer u tqaċċat; wieħed wara l-ieħor, tlifna saħħitna. Illum is-"San Josè" jinsab midfun fil-ħama ta' Sargasso, lejn l-Indi' tal-Punent, bid-deheb u l-fided tal-Peru' fl-istiva... jien musmar!

X'fih?... X'tara f'musmar?... Imsammar ma' ħajt tal-Louvres. Xejn, xejn, ħlief li għal għexieren ta' snin, bħal driegħ tal-ħadid, żammejtlek, bla ma nċaqlaq, il-għaxqa ta' Da Vinci... eluf... miljuni iħarsu lejha... Biss jien qiegħed hemm ukoll! Tbissem... Tbissem! Min jaf x'jagħmlu jekk inċedi u jaqa' l-kwadru?... It-tbissima tixxotta u leħjitek taqa' wkoll.

Jien musmar imċarrat minn nagħal iż-żiemel tal-ħakkiem f'waqt li t-taqbida tkun ixxaqleb bejn ir-rebħa u l-jasar... jaqa'... demm iċarċar, u ġensek tellief; jew... musmar f'nagħal iż-żiemel tal-galopp; ir-rebbieħ tas-sena. Bews, tazez, flus bl-eluf!... Jien musmar!

Is-snin damu jfittxu bir-reqqa l-Karru ta' l-Imperatur. Fl-aħħar

tfaċċajt jien u sħabi... l-injam tmermer. Mill-qagħda tagħna, mixħuta fl-art kif konna, sawrulek mill-ġdid il-kobor tar-Ruman... Bravu l-arkijologu! Jien musmar!

Kemm-il darba widdbek missierek — miskin — biex dik il-gradenzina — kopja vili — ma tmisshiex.

Ħadha għand it-tali, ġabarha qal, illustraha. Ma jkun ġara xejn, imma min jaf xi plejtu 'jqajjem jekk jien u sħabi nerħu l-qabda ta' bejn injama u oħra... miskin...

Jien musmar, imwaħħal ma' bieb... il-Palazz... il-Kristanija ma'... Żammejtlek dak il-bandu li bih qajjimtlek rewwixta kontra il-Ħakem. Urejtek l-amar, ħanin jew kiefer, tas-Sultan. Ħeġġiġtek fi tfittxija ta' dak il-qattiel. Ħabbartlek il-ħelsien ta' l-ilsiera. Żammejtlek ukoll il-kitba ta' Pilatu!

Jien musmar, midfun f'qabar qrabatek biex, sa l-aħħar skalda ħadid imsaddat, niġbor f'tebut l-għożża li kellek!

Jien, ħabib, biċċa musmar!